# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 22 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 558/2023 JPG**

**Kawza nru.: 26**

**YMS kif debitament rappreżentat mill-Avukat Dr Mattia Felice, detentur tal-karta tal-identità numru 0122090M bħala mandatarju speċjali stante li jirresjiedi fl-I.**

**Vs**

**ACA kif debitament rappreżentata mill-Avukat Dr Rita Mifsud, detentriċi tal-karta tal-identità numru 0472696M bħala mandatarja speċjali stante li tirresjiedi fl-I.**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' YMS kif debitament rapprezentant minn Dr Mattia Felice datat 20 ta' Ottubru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-Partijiet iżżewġu nhar is-26 ta' April 2020 fir-Reġistru taż-Żwiġijiet, il-Belt Valletta, u minn dan iż-żwieġ ma hemmx ulied. Iċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv iġib in-numru progressiv 674/2020 u kopja tiegħu hija annessa bħala "Dok A";*

2. *Illi l-Partijiet illum huma legalment separati permezz ta' att pubbliku tat-12 ta' Lulju 2023 magħmul fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Collins wara debita awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, kopja ta' liema hija annessa bħala "Dok B";*

3. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-Partijiet u illum kemm l-esponent kif ukoll l-intimata għandhom il-ħajja personali separata tagħhom;*

4. *Illi l-ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-Partijiet u hemm l-ebda pendenzi;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodifaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, qed jintalab bl-akbar rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-Partijiet li ġie ċċelebrat nhar is-26 ta' April 2020 fir-Reġistru taż-Żwiġijiet, il-Belt Valletta ;*

2. *Tordna lir-Reġistratur ta' din il-Qorti sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-Partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*L-intimata hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat r-risposta tal-Avukat Dr Rita Mifsud bhala mandatarja specjali tal-assenti ACA datata 27 ta' Novembru 2023 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti nomine ma topponix ghat-talbiet imressqa mir-rikorrenti ghal pronunzjament ta' divorzju bejn il-partijiet, u ghall-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fis-26 ta' April 2020 fir-Registru taz-Zwigijiet, Valletta, b'dan illi hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**Il-partijiet xehedu quddiem l-Assistent Gudizzjarju permezz ta'** *video conference* **(vide fol 27)** u kkonfermaw illi il-kontendenti zzewgu nhar is-26 ta' April 2020 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjaraw illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Lulju 2023. Di piu', jirrizulta ilhom separati de facto sa mi- 6 ta' Ottubru 2022 (vide fol 8). Inoltre, iddikjara li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' April 2020 liema

zwieg jgib certifikat numru 674/2020 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 6). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Collins it-12 ta' Lulju 2023 (Vide fol 7 et seqq.) izda skond l-Artikolu **IV**. tal-kuntratt ta' separazzjoni, vide fol 8, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mis-6 ta' Ottubru 2022. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 674/2020 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**